# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## L-Akkademja tal-Malti fuq il-lingwa taċ-ċirkolarijiet mill-iskejjel

L-Akkademja tal-Malti tfakkar lill-awtoritajiet edukattivi biex jaraw li ċ-ċirkolarijiet uffiċjali kollha li jintbagħtu lill-ġenituri f'Malta u Għawdex ikunu l-ewwel u qabelxejn bil-Malti. Dan qed tgħidu meta dan l-aħħar fi skola primarja lill-ġenituri għarrfuhom li ċ-ċirkolarijiet se jibdew jintbagħtulhom bl-Ingliż biss minħabba l-għadd ta' barranin li hemm fiha. Din iċ-ċirkulari ġiet irtirata.

Filwaqt li l-Akkademja tieħu gost tara li llum il-ġurnata ħafna ġenituri Maltin jafu l-Ingliż, hija tqisu bħala diżrispett lejhom u lejn il-poplu Malti kollu meta d-deċiżjonijiet ta' xi individwi fl-awtorità jwasslu għall-marġinalizzazzjoni tal-ilsien nazzjonali.

Filwaqt li l-Akkademja tawgura 'l-edukaturi u 'l-istudenti sena skolastika oħra mimlija sodisfazzjon u tagħlim, tkompli tħeġġeġ lill-edukaturi kollha biex jużaw il-Malti. Tfakkarhom li huma għandhom id-dmir li jżommu l-prestiġju tal-ilsien nazzjonali fil-għoli, u jaraw li l-funzjonalità tiegħu b'saħħitha.

Daniel Bezzina
Sergio Grech
Uffiċjali għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

Presidenta – Ann Marie Schembri | Viċi Presidenta – Rita Saliba | Segretarju – Joseph P. Borg | Teżoriera – Phyllis Debono
Assistent Segretarju – Reno Fenech | Assistent Teżorier – Dr George Farrugia
Uffiċjali għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Sergio Grech u Daniel Bezzina
Membri – David Agius Muscat, Charles Casha, Dr Olvin Vella